31985R3531

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3531/85
tat-12 ta' Diċembru 1985
li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja fl-ibħra ta' l-Istati Membri l-oħra, minbarra l-Portugal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta'Spanja u l-Portugal, u b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 163(3) tiegħu.

Billi proċeduri tekniċi jridu jiġu stabbiliti biex jintgħarfu u jiġu sorveljati, bastimenti Spanjoli li huma awtorizzati jistadu fl-istess ħin fl-ibħra ta' l-Istati Membri l-oħra, minbarra l-Portugal.

Billi l-Att ta' l-Adeżjoni jelenka sistema ta' listi ta' bastimenti awtorizzati, kif ukoll sistema li turi l-movimenti tal-bastimenti u li tavża fir-rigward tal-qabdiet tas-sajd, lill-Kummissjoni, dawn flimkien mad-disposizzjonijiet stabbiliti fir-regolament tal Kunsill (KEE) Nru 2057/82 datati 29 ta' Ġunju 1982, li jistabbilixxu ċerti miżuri li jikkontrollaw l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti ta' l-Istati Membri [1] kif emendata minn Regolament (KEE) Nru 1729/83 [2].

Billi, minħabba t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 163(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, mill-1 ta' Jannar 1986, id-disposizzjonijiet kollha relatati ma' l-attivitajiet tas-sajd speċjalizzati li hemm imniżżla fl-Artikolu 160(1) ta' l-Att imsemmi, għandhom ikunu identiċi għal dawk applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak l-Att.

Billi hu neċessarju li l-Kummissjoni tipprovdi għall-kwistjonijiet tal-liċenzji tas-sajd, kif ukoll li tadotta ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi li għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għall-miżuri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 171/83 datat 25 ta' Jannar 1983, fejn hemm imniżżlin ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd [3], kif ġiet l-aħħar emendata minn Regolament (KEE) Nru 3625/84 [4].

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 163 ta' l-Att qabel l-adeżjoni, u dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat.

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd ma tax opinjoni saż-żmien stipulat mill-President.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri tekniċi li jikkontrollaw is-sajd, hawnhekk stabbiliti iżjed 'il-quddiem, għandhom jgħoddu fl-ibħra li jaqgħu taħt is sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, minbarra Spanja u l-Portugal, u koperti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja u reġistrata u/jew rekordjati f'port li jinsab f'territorju kopert mill-politika tas-sajd komuni.

Artikolu 2

1. Kull sena, mhux iktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-perjodu tas-sajd awtorizzat, l-awtoritajiet Spanjoli għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, listi ta' bastimenti li jeżerċitaw l-attivitajiet speċjalizzati tas-sajd, imsemmija f'punt 2 ta' l-Anness I. Għandha tintbagħat lista separata għal kull tip ta' sajd.

2. Il-listi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu riveduti fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar; il-Kummissjoni għandha tiġi avżata bl-alterazzjonijiet li jsiru sal-ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' qabel.

3. Il-listi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikollhom l-informazzjoni segwenti fuq kull bastiment.

— l-isem tal-bastiment

— numru ta' reġistrazzjoni ittri u numru ta' identifikazzjoni esterni.

— port ta' reġistrazzjoni

— isem (ismijiet) u indirizz (indirizzi) tas-sid (sidien) jew kerrej (kerreja), u jekk is-sid ikun assoċjazzjoni jew kumpanija bi sħab, il-membri tagħha.

— tunnellaġġ u tul massimu

— saħħa tal-magna

— is-sinjal tas-sejħa u l-frekwenza tar-radju

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet Spanjoli għandhom jgħaddu proposti lill-Kummissjoni għal-listi msemmija fit-tieni subparagrafu ta'l-Artikolu 163(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jispeċifika liema bastimenti għandhom jistadu fl-istess ħin, skond l-Artikolu 158 u 160 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, u bil-proċedura segwenti.

(a) fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-punti 1 u 2 (a), (b), (f) u (ġ) ta' l-Anness I, mill-anqas ħmistax il-jum qabel id-data stabbilita għad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-listi; fil-każ ta' bastimenti

(1) ĠU L 220, ta' l-1.7.1982, pġ. 2.
(2) ĠU L 169, tat-28.7.1983, pġ. 14.
(3) ĠU L 24, tas-27.1.1983, pġ. 14.
(4) ĠU L 335, tat-22.12.1984, pġ. 3.

msemmija f'punti 1 u 2 (ġ) ta' l-Anness I, il-listi għandhom ikopru perjodu ta' mill-anqas it-tnax-il xahar tal-kalendarju; fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (a), (b) u (f) ta' l-Anness I, il-listi għandhom ikopru perjodu ta' mill-anqas xahrejn kalendarji.

(b) fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (ċ) u (d) ta' l-Anness I, mill-anqas erbat ijiem tax-xogħol qabel id-data stabbilita għad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-listi; il-listi għandhom ikopru perjodu ta' tnax-il xahar tal-kalendarju fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-punt 2 (ċ) ta' l-Anness I, u ta' mill-anqas ġimgħatejn f'każ ta' dawk imsemmija f'punt 2 (d) ta' dan l-Anness.

(ċ) fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (e) ta' l-Anness I, mill-anqas jumejn tax-xogħol qabel id-data stabbilita għad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-listi, il-lista għandha tkopri perjodu ta' ġurnata.

2. Il-lista perjodika ta' kull xahar tal-bastimenti msemmija f'punti 1 u 2 (ċ) ta' l-Anness I, għandhom jispeċifikaw fuq bazi ta' ġurnata b'ġurnata, il-bastimenti li huma awtorizzati joħorgu għas-sajd fl-istess ħin; kull bastiment imsemmi f'punt 1 ta' l-Anness I, għandu jidher fuq il-lista mill-anqas għal sitt ġranet konsekuttivi, u kull biċċa tal-bastiment f'punt 2 (ċ) ta' l-Anness I għandha tidher fuq il-lista mill-anqas għal jumejn konsekuttivi.

L-awtoritajiet Spanjoli għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi xierqa biex jassiguraw li l-bastimenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness I, ma jistgħux jitilqu mill-port fejn jaħdmu qabel id-data li taqbel ma dik iffissata fil-lista perjodika għall-kontinwazzjoni tas-sajd fiż-żona in kwistjoni, meta tikkonsidra l-ħin transitorju meħud normalment biex tilħaq l-eqreb limiti geografiċi taż-żona msemmija. Huma għandhom jassiguraw ukoll, li l-bastimenti li qed ibaħħru minn port għall-ieħor ta' l-Istati Membri, ikunu skond it-termini u l-kondizzjonijiet li jawtorizzaw it-tip ta' sajd imsemmi fl-Anness I.

3. Fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (d) ta' l-Anness I, il-lista perjodika għandha tinkludi l-gruppi ta' bastimenti, u kull wieħed m'għandux ikollu iktar minn tliet bastimenti. In-numru ta' dawn il-gruppi m'għandux jeċċedi n-numru speċifikat fir-raba' kolonna f'punt 2 (d) ta' l-Anness I. Bastiment jista jingħata isem fi grupp wieħed biss. Grupp wieħed ma jistax jirċievi iktar minn waħda mil-liċenzji msemmija fl-Artikolu 4.

4. Kull lista perjodika għandu jkollha l-informazzjoni segwenti:

— isem u numru ta' reġistrazzjoni tal-bastiment

— is-sinjal tas-sejħa,

— isem (ismijiet) u indirizz (indirizzi) tas-sid (sidien) kerrej (kerreja) u jekk is-sid ikun assoċjazzjoni jew kumpanija bi sħab, il-membri tagħha.

— meta xieraq, il-koeffiċjenti speċifikat fl-Artikolu 158(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni

— perjodu li ntalab għall-permess tas-sajd,

— metodu maħsub għas-sajd,

— żona maħsub għas-sajd,

— fil-każ tal-bastimenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness I, dikjarazzjoni li turi jekk il-bastiment għandux jistad għal speċi li m'humiex tal-qiegħ.

5. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-proposti msemmija fil-paragrafu 1, u għandha tagħmel il-listi perjodiċi li mbagħad għandha tgħaddihom lill-awtoritajiet Spanjoli u lill-awtoritajiet konċernati skond is-segwenti.

— fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 (a) hawn fuq, mill-anqas erba' ġranet tax-xogħol qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

— fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 (b) hawn fuq, mill-anqas żewġ ġranet tax-xogħol qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

— fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 (ċ) hawn fuq, mill-anqas ġurnata tax-xogħol qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

6. Jekk fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-punt 2 (ċ), (d) u (e) ta' l-Anness I, il-Kummissjoni ma tirċevix proposti għal-lista perjodika ġdida fil-limitu taż-żmien stipulat fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, ir-regoli li jkunu fis-seħħ għall-aħħar ġurnata tal-perjodu preżenti għandhom jibqgħu japplikaw sakemm tiġi stabbilita lista ġdida skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

7. L-awtoritajiet Spanjoli jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex jissostitwixxu bastiment imsemmi f'lista perjodika, imma li ma jkunx jista' jistad fil-perjodu speċifiku, minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri.

Kwalunkwe bastiment li ġie sostitwit, għandu jigi nkluż fil-listi msemmija fit-tielet kolonna ta' l-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien, tavża lill-awtoritajiet Spanjoli u l-awtoritajiet konċernati, fir-rigward ta' alterazzjonijiet fil-listi perjodiċi, li hemm imsemmija fil-paragrafu 5.

L-ebda bastiment, li jkun ser jissostitwixxi iehor, ma jkun awtorizzat joħrog għas-sajd sad-data indikata mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

1. Il-bastimenti msemmija f'punt 2 (a), (b) u (d) ta' l-Anness I, li huma msemmija fil-lista perjodika approvata mill-Kummissjoni jistgħu joħorgu għas-sajd biss jekk iżommu abbord il-liċenzja maħruġa mill-Kummissjoni li tkun trid tiġi provduta fuq talba ta' l-awtoritajiet Spanjoli.

Fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (a) u (b) fl-Anness I, it-talba għal-liċenzji tingħata fil-ħin tal-komunikazzjoni għall-proposti tal-listi perjodiċi msemmija fl-Artikolu 2(1).

Fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-punt 2 (d) ta' l-Anness I, it-talba għal-liċenzji għandha tingħata meta jkunu ser jingħataw il-listi tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 2.

2. Fil-każ ta' bastimenti msemmija f'punt 2 (a) u (b) ta' l-Anness I, kull liċenzja m'għandhiex tinħareġ għal iktar minn tliet bastimenti, u deskrizzjoni ta' kull bastiment trid tingħata fil-liċenzja.

3. Fil-każ ta' bastimenti msemmija fil-punt 2 (d) fl-Anness I, il-liċenzji jridu jinħarġu għall- perjodu sħiħ ta' l-awtorizazzjoni tas-sajd mingħajr ma ssemmi l-bastimenti, u suġġett għan-numru massimu speċifikat fir-raba' kolonna fl-Anness 1 punt 2; kull bastiment li hu mqabbad biex jaħdem fis-sajd, irid ikollu liċenzja ta' dan it-tip.

4. Il-liċenzji għandhom jinħarrġu għall-perjodu ta' mill-anqas xahrejn kalendarji.

Artikolu 5

Bastiment jista' jidher fuq iktar minn waħda mil-listi msemmija fl-Artikolu 2. Bastiment jista jidher fuq lista perjodika waħda biss, b'eċċezjoni ta' bastimenti li jistadu għat-tonn, li jistgħu jidhru wkoll f'listi tal-bastimenti li jistadu għall-inċova bħala użu għal-lixka ħajja.

Artikolu 6

1. Bastimenti awtorizzati għas-sajd tat-tonn jistgħu ma jibqgħux fuq ħut jew prodotti ta' ħut, jekk mhux tonn, b'eċċezzjoni għall-inċova li tintuża bħala lixka ħajja.

2. Bastimenti awtorizzati għas-sajd tat-tannuta ta' Ray, ma jistgħux iżommu l-ebda ħut jew prodotti ta' ħut abbord minbarra dik l-ispeċi, b'eċċezzjoni li tintuża bħala lixka ħajja, iżda m'għandhomx jintużaw kwantitajiet iktar minn dawk strettament neċessarji, għal dan il-għan.

Artikolu 7

Il-Kaptani tal-bastimenti awtorizzati għas-sajd għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet speċjali msemmija fl-Anness II. Il-Kummissjoni tista' tbiddel dettalji li jirrigwardaw l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif hemm imniżżel fl-Anness II punt 7, jekk tirċievi proposta mill-Istati Membri konċernati.

Artikolu 8

Bla ħsara għar-Regola (KEE) Nru 171/83, il-miżuri tekniċi segwenti għandhom jgħoddu għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja, imsemmija fl-Anness I punt 2.

(a) L-użu tax-xbieki tal-garġi hu pprojbit.

(b) bastimenti ma jistgħux iżommu abbord l-ebda tagħmir tas-sajd għajr dak li hu neċessarju għat-tip ta' sajd li huma awtorizzati jagħmlu.

(ċ) kull bastiment li jistad bil-knuz jista' jixħet mhux iktar minn zewg knuz kull jum, it-tul massimu ta' kull wieħed minn dawn il-knuz għandu jiġi ffissata għal-20 mil nawtiku; id-distanza bejn il-lanza qasira li twaħħal is-sunnara mal-lanza prinċipali fis-sajd, ma tistax tkun inqas minn 2,700 metri.

(d) bastimenti li jistadu għat-Tannuta ma jistgħux izommu abbord l-ebda tagħmir tas-sajd għajr knuz.

Artikolu 9

L-awtoritajiet Spanjoli għandhom javżaw lill-Kummissjoni qabel il-ħmistax-il gurnata ta' kull xahar, dwar il-qabdiet u l-kwantitajiet ta' kull biċċa tal-baħar li tistad għat-tonn, kif ukoll, il-kwantitajiet li tniżżlu f'kull port minn dawn il-bastimenti fix-xahar ta' qabel.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugal.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Diċembru, 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

ANNESS I

TIP TA' SAJD IMSEMMI FL-ARTIKOLU 158 U 160 (1) TA' L'ATT TA' L-ADEŻJONI

Tip ta' Sajd	Żona	Numru totali ta' bastimenti awtorizzati (lista bażika)	Numru ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd fl-istess ħin (lista perjodika)	Perjodu awtorizzat għas-sajd
1. Bastimenti li jipprattikaw tipi ta' sajd imsemmija fl-Artikolu 158 ta' l-Att ta'l-Adeżjoni	Vb, VI VII VIII a, b, c	300	23 70 57 (1)	1.1.sa 31.12
2. Bastimenti li jipprattikkaw tipi ta' sajd speċjalizzat, msemmija fl-Artikolu 160(1) ta' l-Att ta' Adeżjoni				
(a) Dgħajjes tas-sardin (li jużaw xbieki ta' inqas min 100grt	VIII a, b, d	71	40	1.1. sa 28.2. u
(b) Vapuri kbar ta' inqas min 100grt	VIII a	25	10	1.7. sa 31.12.
(ċ) Sajd minn bastimenti li ma jeċċedix 50 grt li jsir bil-qasab tas-sajd	VIII a, b, d	—	64	1.1. sa 31.12.
(d) Bastimenti, li l-attivita prinċipali tagħhom, hu sajd għall-inċova	VIII a, b, d	—	160	1.3. sa 30.6.
(e) Bastimenti li jistadu għall-inċova u għall-ħut zgħir	VIII a, b, d	—	120	1.7. sa 31.10
(f) Sajd għat-tonn	Iż-żoni kollha		mingħajr limitu	1.1. sa 31.12.
(g) Bastimenti li jistadu għat-Tunnata ta' Ray	VII g, h, j, k	—	25	1.10 sa 31.12.

(1) Bastimenti kif definiti fl-Artikolu 158(2) fl-Att ta' Adeżjoni, fejn ħamsa minnhom jistgħu jigu allokati biss għas-sajd ta' speci oħra minbarra ħut li jgħix qrib qiegħ il-baħar.

ANNESS II

Il-bastimenti Spanjoli awtorizzati għas-sajd fl-ibħra ta' Istati Membri, minbarra l-Portugal, għandhom iħarsu dawn il-Kondizzjonijiet Speċjali.

A. **Kondizzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa mill bastimenti kollha**

1. Kopja ta' dawn il-Kondizzjonijiet speċjali, u fejn xieraq, il-liċenzja tas-sajd, għandhom ikunu fuq il-bastiment.

2. L-ittri u n-numri ta' identifikazzjoni ta' dawk il-bastimenti kollha li għandhom liċenzja, iridu jkunu mmarkati fuq il-pruwa tal-bastiment fuq iż-żewg naħat, u fuq kull naħa ta' l-istruttura, b'mod li jkunu jistgħu jidhru sew.

   L-ittri u n-numri jridu jkunu miżbugħa b'kulur kontrastanti ma' dak tal-buq jew ta' l-istruttura, u m'għandhomx ikunu alterati, mħassra, mgħottija, jew skurati b'xi mod.

B. **Kondizzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu mħarsa mill-bastimenti kollha, minbarra dawk li huma mqabbda biex jaħdmu fis-sajd tat-tonn, tannut, u bastimenti ta inqas minn 50 grt li jistadu biss bil-qasab u bix-xlief.**

3. Il-bastimenti kollha awtorizzati għas-sajd għandhom jagħtu d-dettalji msemmija fil-punt 7 lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-movimenti msemmija hawn taħt:

   — L-isem tal-bastiment, l-isem tal-kaptan, is-sinjal tas-sejħa, l-ittri u n-numri ta' identifikazzjoni esterni, u meta jkun hemm il-bzonn, in-numru tal-liċenzja.

   — Id-data, il-ħin, posizzjoni ġeografika u l-istatistiċi ta' l-ICES:

   3.1.1 F'kull okkażjoni li l-bastiment jidħol fiż-żona nawtika tas-sajd ta'200 mil, 'il barra mix-xtut ta' l-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, minbarra l-Portugal, u li huma koperti bir-regolamenti tas-sajd tal-Komunità;

   3.1.2 F'kull okkażjoni li l-bastiment jitlaq miż-żona nawtika tas-sajd ta' 200 mil, 'il barra mix-xtut ta' l-Istati Membri tal-Komunità, minbarra l-Portugal, u li huma koperti bir-regolamenti tas-sajd tal-Komunità;

   3.1.3 f'kull okkażjoni li l-bastiment jiċċaqlaq minn żona ta' l-ICES għal oħra, fiż-żoni definiti f'3.1.3. u 3.1.2

   3.1.4. f'kull okkażjoni li l-bastiment jidħol f'port ta' l-Istati Membri l-oħra tal-Komunità;

   3.1.5 f'kull okkażjoni li l-bastiment jitlaq mill-port ta' l-Istati Membri l-oħra tal-Komunità;

   3.1.6. minbarra f'każ ta' bastimenti li huma obbligati jkollhom liċenzja;

   3.1.6.1 qabel il-bidu ta' operazzjonijiet tas-sajd (komunikazzjoni attiva).

   3.1.6.2 meta jitlestew l-operazzjonijiet tas-sajd (komunikazzjoni passiva)

4. Il-bastimenti kollha għandhom javżaw dwar id-dħul u l-ħrug tagħhom miż-żona ta' l-ICES, fejn huma awtorizzati jistadu, u d-data u l-ġimgħa ta' meta bdew l-operazzjonijiet tas-sajd, kif ukoll javżaw bis-segwenti fl-ordni ta'hawn taħt, lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fi Brussel (telex 24/89FISEU-B):

   — l-isem tal-bastiment,

   — is-sinjal tas-sejħa,

   — l-ittri u n-numri ta' identifikazzjoni esterni,

   — in-numru serje tal-messaġġ għall-vjaġġ in kwistjoni

   — indikazzjoni tat-tip ta' messaġġ, meta tikkunsidra d-diversi punti msemmija f'punt 3

   — posizzjoni ġeografika u l-kwadru statistiku ta' l-ICES

   — kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi ta' ħut li nqabdu, bil-kodiċi hekk kif jidher f'punt 5.3,

   — kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi maqbuda sa mit-trażmissjoni ta' qabel,

   — kwadru statistiku ta' l-ICES, fejn ittieħdu l-qabdiet,

   — kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi trasferiti lill-bastimenti sa mit-trasmissjoni ta' qabel,

   — l-isem, is-sinjal tas-sejħa u fejn applikabbli, l-identifikazzjoni esterna ta' min ġie trasferit l- bastiment.

   — l-isem tal-kaptan

5. Il-messaġġi murija fil-punti 3 u 4 għandhom jiġu trasmessi kif ġej:

5.1. Il-messaġġi kollha għandhom jiġu trasmessi permezz ta' stazzjon tar-radju fil-lista ta' hawn taħt

Isem	*Sinjal tas-sejħa*
North Foreland	GNF
Humber	GKZ
Cullercoats	GCC
Wick	GKR
Portpatrick	GKR
Anglesey	GLV
Ilfracombe	GIL
Niton	GNI
Stonehaven	GND
Hebrides	GHD
Portshead	GKA
	GKB
	GKC
Land's End	GLD
Valentia	EJK
Malin Head	EJM
Boulogne	FFB
Brest	FFU
St. Nazaire	FFO
Bordeaux-Archanon	FFC
Tarifa	EAC
Chipiona	
Finisterre	EAF
Coruna	
Cabo Penas	EAS
Machichaco	

5.2. Jekk minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri, ikun impossibli għall-messaġġ biex jiġi trasmess mill-bastiment awtorizzat, jista' jiġi trasmess minn bastiment ieħor għan-nom ta' dak il-bastiment.

5.3. Il-kodiċi li għandu jintuża biex jindika l-kwantitajiet ta' ħut abbord kif imsemmi fil-punt 4 [1].

A. Gamblu ta' qiegħ il-baħar (Pandalus borealis)

B. Marlozz (Merluccuis Merluccius)

C. Halibatt tal-Groenlandia (*Reinhardtius hippoglossoides*)

D. Merluzz (*Gadus morhua*)

E. Bakkaljaw (Melanogrammus aeglefinus)

F. Ħalibatt (Hippoglossus Hippoglossus)

G. Kavall (Scomber scombrus)

H. Żgombru (*Trachurus trachurus*)

I. L-ispeċi ta familja rupestris (Coryphaenoides rupestis)

J. Ħuta tixbaħ il-bakkaljaw (Pollachius virens)

K. Merlangu (Merlangus merlangus)

L. Aringa (Clupea harengus)

M. Ċiċċirella/fjametta (*Ammodytes* spp.)

N. Sardina (Clupea sprattus)

O. Barbun tat-tbajja (*Pleurontes platessa*)

P. Sallura tan-Norveġja (*Trisopterus esmarkii*)

Q. Molva (Molva molva)

R. Oħrajn

S. Gamblu (*Pandalidae*)

T. Inċova (Engraulis encrassicholus)

U. Salamun ragel fl-istagun tal-bajd (*Sebastes* app.)

V. Barbun ta'l-Atlantiku tat-Tramuntana (*Hpoglossoides platessoides*)

W. Klamar (*Illex*)

X. L-ispeċi tal-familja ferruginea (*Limanda ferruginea*)

Y. Merlanga blu (*Gadus poutassou*)

Z. Tonn (*Thunnidae*)

[1] Din il-lista ma timplikax li l-ispeċi msemmija jistgħu jinżammu jew jittellgħu fuq l-art.

AA. Molva blu (*Molva dypterygia*)

BB. Ħanzir Selvagg (*Brosme brosme*)

CC. Mazzola tax-xewka (*Scyliorhinus rotifer*)

DD. Gabadoll (*Cetorihindae*)

EE. Kelb il-baħar b'geddumu bil-ponta (*Lamma nasus*)

FRF. Klamar (*Loligo vulgaris*)

GG. Tunnata ta' Ray (*Brama brama*)

HH. Sardina (*Sardina Pilchardus*)

II. Gamblu tar-ramel (*Crangon crangon*)

JJ. Ħut ċatt zgħir bħall barbun (*Lipidorhombus*)

KK. Petrica (*Lophius* spp.)

LL. Awwista tan-Norveġja (*Nephros Norvegicus*)

MM. Pollakkju (*Pollachius pollachius*)

6. Bla ħsara għall-istruzzjonijiet stabbiliti fil-ġurnal ta' abbord tal-Komunitajet Ewropej, il-messaġġi bir-radju trasmessi skond il-punti 3 u 5 għandhom jiġu reġistrati skond l-imsemmi ġurnal t'abbord.

7. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll huma kompetenti biex jirċievu l-komunikazzjonijiet imsemmija f'punt 3.

FRANZA:
Cross A
Château La Garenne
F-56410 Etel
Telex: CROSSAT 950519

L-IRLANDA:
Naval Supervisory Centre
Haulbowline
Cork
Telex: CORK 24924

IR-RENJU UNIT:
Ministry of Agriculture, Fisheries and Food
Great Westminster House
Horseferry Road
London SW1P 2AE
Telex: London 21274 FISHLN.

Department of Agriculture and Fisheries for Scotland
Chesser House
Gorgie Road
Edinburgh EH11 3 AW
Telex: Edinburgh 727696 SODAFS